# SME HELPDESK

PUBBLIKAZZONI 17
5 TA’ ĠUNJU 2015




## X’inhu għaddej? X’hemm ġdid?

Bħala sid ta’ negozju żgħir importanti li tkun taf, u iżżomm lilek innifsek aġġornat u up-to-date, ma dak kollu li jkun qed jiġri madwarek, u li jista jaffettwa jew jgħinek fl-operat ta’ l-istess negozju tiegħek.

Illum għazilt li niġbdilkom l-attenzjoni fuq xi affarijiet partikolari u interessanti, li l-MEA u l-Gvern qed jaħdem fuqhom, kif ukoll xi aħbarijiet li għadhom kemm tħabbru, u li jistgħu ikunu ta’ benefiċċju għalikom.

### Il-*Family Business Act*

Kif kont infurmajtkom fil-pubblikazzjoni ta’ Marzu li għadda, bħalissa il-Gvern qed jaħdem fuq it-tfassil ta’ liġi ġdida,



**Segretarjat ta’ l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta’ l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA’ MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR

vodafone

li ser taffettwa lil dawk in-negozji kollha li ser ikunu jaqgħu taħt il-kategorija ta' negozji tal- familja. Fl-aħħar jiem jiena f'isem l-MEA attendejt għal seminar ieħor organizzat mill-MAFE *(Malta Association of Family Enterprises)*, u hemmhekk ingħatajna aktar informazzjoni, u iddiskutejna flimkien din il-liġi li bħalissa qeda fil-proċess sabiex tagħddi mill-kabinett, u immedjatament wara tiġi ippubblikata *white paper* u jinfetaħ proċess ta' konsultazzjoni pubblika.

Jiena, bħala rappreżentant tal-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, mhux biss attendejt, iżda ipparteċipajt u intervjenejt b'mistoqsijiet f'isimkom. Fost il-mistoqsijiet li poġġejt għad-diskussjoni kien hemm l-issue ta' kif għadhom jiġu irreġistrati dawk kollha li ser ikunu eliġġibbli li jaqgħu taħt il-kategorija ta' *family business*. Staqsejt ukoll xi skemi u benefiċċji ġodda ser ikunu għad disposizzjoni ta' sidien ta' negozji tal-familja. Insistejt biex mill-aktar fis tiġi ippubblikata l-*white paper* biex b'hekk inkunu nistgħu niflu sew x'qed jiġi propost, u jkollna ċans li nagħtu il-veduti tagħna.

Dwar din il-liġi, meta l-Gvern jippubblika il-*white paper*, aħna bħala MEA ser inkunu minn ta' quddiem nett sabiex norganizzaw *info session*, sabiex flimkien inkunu nistgħu niddiskutu l-kontenut. Nistennew, u malli jkollna l-liġi f'idejna, insejħulkom.

## Inċentivi u skemi ġodda ta għajnuna.

Ftit tal jiem ilu, l-Gvern ħabbar li kienu ser jidħlu fis-seħħ skemi ġodda ta' għajnuna. Dawn huma:

- **Certify**
  Skema li ser tkun qeda titmexxa mill-Malta Enterprise, u li ser toffri għajnuna lil dawk in-negozji li jkunu jridu itejbu l-istandards u jsiru aktar kompetittivi. Għal aktar informazzjoni inħeġġiġkom tikkuntattjaw lil Business First, fuq il-freephone 144.

- **Loan guarantee**
  Skema oħra ta' self mill-banek, f'regolamenti vantaġġjużi, għas settur tan-negozji żgħar. Dwar din l-inizjattiva, (li hija simili ħafna tal-iskema eżistenti tal-JEREMY) u li tħabbret mill-Onorevoli Louis Grech, ftit li xejn għadna nafu kif ser taħdem, iżda tajjeb li wieħed iżomm għajnejh miftuħin sabiex isegwi kull progress li jiġi irreġistrat fuq din l-iskema.



Minn naha tagħna bħala MEA, ser inkomplu naġġornawkhom b'kull żvilupp li jseħħ fuq din l-inizjattiva.

## L-SME WEEK 2015

Bħas-snin l-imgħoddija, l-MEA sejra tkun qed terġa tinvolvi ruħa, u tipparteċipa b'numru ta' attivitajiet, u dawn ser jiġu organizzati matul ix-xahar ta' Ottubru li ġej. Il-ħsieb huwa li jittella programm televiz MEA, li jittratta is-suġġett ta' l-Ekonomija Diġitali, tiġi organiżżata *info session* dwar id-diġitazzjoni u n-negozi tal-familja, kif ukoll qed



naħdmu qatigħ sabiex infasslu programm interssanti u informattiv, f'forma ta' business breakfast bit-titolu, "Kif id-digitazzjoni qed taffettwa r-rwol ta' l-*Employers*". Aktar dettaji dwar dawn it-tlett attivitajiet, inkun nista' nagħddijomkom fil-ġimgħat li ġejjin.

L-aħħar kelma tkun appell lilkom ilkoll, sabiex tissieħbu magħna, u tirreġistraw bħala membri ta' l-MEA. Akbar ma jkun in-numru ta' membri, aktar tkun b'saħħitha l-vuċi tagħna f'isimkom. L-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem ilha imwaqqfa 50 sena, u b'sodisfazzjon illum tħaddan -il fuq minn 600 membru, li jirrappreżentaw terz tal-*work force* f'Malta.

L-MEA, hija l-unika *recognised Union*, li tirrappreżenta u tiddefendi d-drittijiet ta' l-*employers*, u għalhekk b'idejna miftuħa nilqgħu lil dawk l-*employers* kollha li jixtiequ s-sapport, kif ukoll lil dawk li jeħtieġu li jkollhom xi ħadd min jigwidhom, fil-mumenti diffiċli.

Grazzi u Tislijiet

Anton

## Business Premises in Valley Road, Msida.

Ideal for a Small or Medium Company looking to expand its business rapidly

This fully detached building in shell form on a plot of 520 sq.m consists of
400 sq mtrs of Office Space, Showroom, Store, Workshop, 3 Lock Up Garages, Carport and 6 Parking Spaces

Excellent Loading/Unloading facilities without any obstruction to traffic.

Can also be developed as a plot

Price €650.000. For further details please call on 99497060 or 99452935

**PAID ADVERT**